**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tnejn 30 ta` Novembru 2020**

**Fl-atti tal-kawza nru. 623/2017 JZM fl-ismijiet :**

**Alexandra Sammut**

***kontra***

**Ian Sammut et**

**u wara l-Mandat ta` Sekwestru Kawtelatorju Nru. 911/2017 LSO fl-ismijiet premessi**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors li pprezenta Ian Sammut fit-30 ta` Gunju 2020, kif ukoll id-dokument li kien anness.

Rat id-digriet taghha tat-2 ta` Lulju 2020.

Rat ir-risposta li pprezentat Alexandra Sammut fit-12 ta` Novembru 2020, kif ukoll id-dokumenti li kienu annessi.

**Ikkunsidrat :**

Ian Sammut isejjes il-premessi u t-talba fuq l-**Art 836(1)(f) tal-Kap 12.**

Il-qorti qeghda **tintalab** :-

*tawtorizza lill-HSBC Bank Malta plc biex johrogu banker`s draft f`isem id-Direttur tat-Taxxi sabiex tithallas it-taxxa sabiex tithallas it-taxxa fuq id-dokumenti dovuta ossia fuq id-dikjarazzjoni causa mortis tal-mejjet Emanuel Sammut, u biex tikkonsenja dan ic-cheque f`idejn in-Nutar John Gambin biex jaffettwa dak il-pagament ghall-ezekuzzjoni tal-att pubbliku relattiv mal-istess Direttur Generali tat-Taxxi.*

**Ikkunsidrat :**

Fi procedura ta` din ix-xorta, il-qrati taghna b`mod konsistenti hadu l-linja illi l-qorti li tkun trid taghti provvediment ghandha toqghod lura milli tidhol fil-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet ghaliex dik hija materja li tkun ghad tigi trattata quddiemha u tkun trid tigi deciza minnha fil-waqt opportun wara li jkunu nstemghu l-provi kollha. Ghalhekk m`ghandha taghmel ebda konsiderazzjoni li tixref jew li tolqot il-mertu izda ghandha tillimita ruhha ghal ezami sommarju jew *prima facie* tal-argumenti li ggib il-parti li tkun qeghda titlob ir-revoka *in toto jew in parte* tal-Mandat (ara : 15/07/2018 : **Conrad Borg vs De La Rue Currency Print Limited et** ; 10/05/2001 : **Joseph Camilleri et vs Anthony Gove et** ; 05/06/2003 : **Emanuel Sammut vs Josephine Sammut** ; u 27/06/2002 - **Tanya Chetcuti pro et noe vs Hugo Chetcuti**)

Il-qorti ghandha tkun gwidata minn zewg principji ewlenin :

a) illi d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m`ghandux jigi mxejjen jew imgarrab b`leggerezza ;

b) illi huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn qorti.

(ara : 29/11/2001 - **Mercieca vs Galea** ; 05/06/2007 **Technobroadcast s.r.l vs Mediterranean Broadcasting Limited**")

**Ikkunsidrat :**

Skont l-**Art 836(1)(f) tal-Kap 12**, ikun hemm lok ghar-revoka *in toto* **jew** *in parte* tal-Mandat : *jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.*

Din il-qorti diversament presjeduta fil-procediment fl-ismijiet '**Spiteri v Darmanin**' tat tifsira korretta u preciza ta` din id-disposizzjoni fil-provvediment li tat fil-25 ta` Awwissu 2010 :

> *"Illi jingħad ukoll li d-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, wara l-ħruġ tal-Mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa` (għal kollox jew in parti) fis-seħħ ( Ara P.A. GC 3.8.2001 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet "**Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et"** .*
>
> *Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m`għadux il-każ"*

Fid-digriet li nghata fl-4 ta` Frar 2016 fir-Rikors Nru. 1139/2015 fl-atti tal-Mandat Nru 1454/15 fl-ismijiet : **Pace et vs Camilleri et** : inghad illi : *biex tali talba tirrizulta attwabbli tinhtieg li r-rikorrenti jipprovaw li kien hemm bidla sostanzjali fic-cirkostanzi in dizamina mid-data li fiha inhareg il-mandat de quo.*

(ara wkoll : provvedimenti tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili : 17 ta` Marzu 2014 : **<u>Cook et vs Hartoka et</u>** ; 22 ta` Ottubru 2015 : **<u>Cassar pro et noe et vs Falzon et</u>** ; u 2 ta` Dicembru 2014 : **<u>Blue Rapid Incorporation vs Elf Aquitaine)</u>**

Dak mehtieg li jigi ppruvat huwa **<u>bdil fic-cirkostanzi</u>** li abbazi taghhom ikun inhareg il-Mandat skont il-kawzali li tkun indikata fil-Mandat li jirrendu l-istess Mandat mhux aktar ragonevoli jew gustifikabbli in toto jew in parte. Dan il-**<u>bdil fic-cirkostanzi</u>** jrid jintwera illi sehh **<u>wara</u>** d-data tal-hrug tal-Mandat. Fil-kaz tal-lum, il-qorti ma ssibx li r-ragunijiet moghtija minn Ian Sammut fir-rikors tieghu jikkostitwixxu bdil fic-cirkostanzi li jaghmlu r-revoka in parte tal-Mandat ragjonevoli jew gustifikabbli.

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-qorti qeghda tichad it-talba tar-rikorrent kif dedotta. L-ispejjez ta` dan il-provvediment jibqghu rizervati ghall-gudizzju fil-kawza fil-mertu bejn il-partijiet.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**